**RULING MOGĦTI MILL-ISPEAKER ANĠLU FARRUGIA FIS-SEDUTA 408 TAT-22 TA' ĠUNJU 2016 DWAR L-EWWEL QARI TA' ABBOZZI MRESSQA MINN MEMBRI PRIVATI**

Fis-seduta tal-lum, hekk kif kienu se jinqraw l-Ordnijiet tal-Ġurnata, l-Onor. David Agius talab jekk wara diskussjonijiet li kien hemm fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra tal-lum 22 ta' Ġunju 2016 kienx se jitressaq l-Ewwel Qari ta' abbozz ta' liġi mressaq mill-Onor. Jason Azzopardi msejjaħ "Att tal-2016 li jemenda l-Kodiċi Kriminali" u li kien ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2016.

Bi tweġiba għal dan is-Sedja rreferiet għal dak li qal l-Onor. Godfrey Farrugia fl-istess laqgħa tal-Kumitat, u ċjoè li l-Gvern ma kienx se jkollu risposta dwar dan waqt din is-Seduta. L-Onor. Farrugia kkonferma dan billi qal li ma kienx f'pożizzjoni li jagħti data meta se jitressaq l-Ewwel Qari.

Hawnhekk l-Onor. David Agius talab li din il-kwestjoni titqiegħed immedjatament għall-vot, u meta t-talba tiegħu ma ġietx milqugħa talab lis-Sedja tagħti *ruling*.

Fid-diskussjoni sussegwenti ħadu sehem l-Onor. Mario de Marco, l-Onor. Mario Galea u l-Ministru Chris Cardona, li dan tal-aħħar ukoll talab lis-Sedja tagħti *ruling* dwar il-pregorattiva tal-Gvern li jagħmel l-aġenda.

Il-prerogattiva tal-arranġament tax-xogħol tal-Kamra fi ġranet riżervati għax-xogħol tal-Gvern huma trattati fl-Ordni Permanenti 19, li jgħid hekk:

> "**19.** Fil-ġranet riżervati għax-xogħol tal-Gvern, il-Gvern jista' jirranġa dak ix-xogħol, sew jekk ikunu ordnijiet tal-ġurnata jew avviżi ta' mozzjonijiet, b'dak l-ordni li huwa jidhirlu xieraq."

Dan ifisser li kif ingħad drabi oħra mis-Sedja, il-prerogattiva tax-xogħol fi ġranet riżervati għax-xogħol tal-Gvern hija tal-Gvern, u dan kif hija prassi tal-Kamra.

Dan huwa wkoll rifless fil-prattiċi tal-House of Commons fejn fl-artikolu 27 tal-iStanding Orders tagħhom insibu dan li ġej:

> *"**27.** The orders of the day shall be disposed of in the order in which they stand upon the paper, the right being reserved to Her Majesty's Ministers of arranging government business, whether orders of the day or notices of motion, in such order as they think fit."*

Din il-pożizzjoni ġiet ukoll iddikjarata minn diversi Speakers f'*rulings* li taw, u hawn nikkowta minn *ruling* li tajt fis-Seduta 235 tat-3 ta' Frar 2015, fejn wara li rreferejt għal numru ta' *rulings* ta' Speakers preċedenti kont għidt:

> "Jidher ċar minn dawn ir-*rulings* li l-prerogattiva tal-aġġornament tax-xogħol tal-Kamra hija dejjem f'idejn il-Gvern, liema prerogattiva toħroġ ukoll mill-istess qari tal-Ordni Permanenti 8(1) li jibda billi jgħid: Kemm-il darba l-Kamra ma tordnax xort'oħra..."

Dwar kemm is-Sedja tista' tintervjeni, nikkwota lill-Ispeaker Lawrence Gonzi meta fis-seduta 341 tat-12 ta' Frar 1990 kien qal hekk:

> "L-arranġament tax-xogħol tal-Kamra ma jiddependix fuq is-Sedja."

Irid jingħad li l-proċedura adottata f'dan il-Parlament b'mod kostanti għal numru ta' snin meta jiġi biex jitressaq l-Ewwel Qari ta' abbozz ta' liġi hija li wara li jgħaddi t-terminu rikjest bl-Ordni Permanenti 22 ta' tliet ijiem, il-Gvern jiddeċiedi jekk tali abbozz għandux jidher fuq l-Aġenda tal-Kamra. Dan ifisser li biex mozzjoni tal-Ewwel Qari jidher fuq l-Aġenda qatt ma ġie sottomess għal xi permess li joħroġ mill-Ordni Permanenti 92 li rrefera għalih l-Onor. David Agius.

> "**92.** Jekk jingħata permess sabiex jitressaq xi abbozz ta' liġi, l-abbozz ta' liġi jitqies li ġie moqri l-ewwel darba, u kif tingħata kopja pulita lill-Iskrivan għandu jiġi stampat."

Madankollu jrid jingħad ukoll li anke kieku kienet tiġi segwita, wieħed irid jieħu nota ta' dak li jgħid l-Ordni Permanenti 91 li jgħid hekk:

> "**91.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-ordni permanenti 83 kull abbozz ta' liġi għandu jitressaq wara li ssir mozzjoni u wara proposta "illi jingħata permess sabiex jitressaq dak l-abbozz ta' liġi", kemm-il darba ma jitressaqx minn kumitat maħtur sabiex jabbozzah skont riżoluzzjoni tal-Kamra."

Dan ifisser li mhux il-każ li jitressaq vot issa dwar jekk għandux jitressaq l-Ewwel Qari ta' Abbozz għaliex hemm bżonn ta' mozzjoni sostantiva li allura teħtieġ tliet ijiem avviż. Barra minn hekk tkun teħtieġ ukoll li l-Gvern itellagħha fuq l-aġenda.

Dan iġibni għal dak li qal l-Ispeaker Michael Frendo fis-Seduta 505 tat-8 ta' Ottubru 2012:

> "Is-Sedja mhijiex sodisfatta bir-regolamentazzjoni li teżisti llum u li effettivament tpoġġi ċ-ċwievet f'idejn il-Gvern tal-ġurnata, imma din hija r-regolamentazzjoni li bih dejjem tmexxa dan il-Parlament."

Dan l-argument irreferiet għal din is-Sedja wkoll fis-Seduta 235 tat-3 ta' Frar 2015:

> "Is-Sedja tħoss li għandha tirrimarka li mhijiex sodisfatta bir-regolamentazzjoni li teżisti llum u għaldaqstant effettivament tpoġġi r-responsabbiltà f'idejn il-Gvern tal-ġurnata biex kemm jista' jkun fil-futur qarib ikun hemm regolamentazzjoni aktar feliċi ta' kif jitmexxa dan il-Parlament. Fin-nuqqas ta' dan is-Sedja m'għandhiex il-poteri proċedurali biex tara li mozzjoni sostantiva tkun tista' titqiegħed għad-diskussjoni f'ġurnata appożita għall-Oppożizzjoni meta dan mhuwiex definit b'mod ċar fl-Ordnijiet Permanenti."

L-istess Sedja tenniet dan l-argument ftit tal-ġranet ilu fid-diskors tas-Sette Giugno, u nikkwota:

> "Tibdil ieħor li ilu jinħass il-bżonn tiegħu fl-Ordnijiet Permanenti huwa f'dak li jirrigwarda l-allokazzjoni ta' seduti għal xogħol ta' membri privati bħalma hemm fis-sistema li titħaddem fil-House of Commons. Għalkemm kif oriġinarjament abbozzati, l-Ordnijiet Permanenti tagħna kienu jaħsbu għal dan, tul il-medda tas-snin

> daħlu prattiċi minn amministrazzjonijiet varji li naqqru dan id-dritt tal-membri privati li, ngħiduha kif inhi, l-aktar li jaffettwa lill-minoranza fil-Parlament. Għaldaqstant, filwaqt li nagħraf il-fatt li matul din il-leġiżlatura ġew allokati numru konsiderevoli ta' seduti għall-konsiderazzjoni ta' mozzjonijiet tal-Oppożizzjoni, intenni dak li ġie espress anke f'deċiżjonijiet mogħtija minn Speakers preċedenti li hemm bżonn ta' regolamentazzjoni aktar feliċi f'dan ir-rigward."

Is-Sedja tinnota wkoll li kienet l-istess Sedja waqt il-laqgħa tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra msemmija hawn fuq li talbet ftehim dwar meta l-Ewwel Qari tal-Abbozz ikkonċernat ser jitla' fuq l-Aġenda, u peress li l-Onor. Godfrey Farrugia ma kienx f'pożizzjoni jindika tali data, kienet l-istess Sedja li *bona fede* talbet li tiġi ffissata data kemm jista' jkun malajr.

Għaldaqstant is-Sedja tappella għall-bonsens miż-żewġ naħat.